

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-3 Settembru 2012 fil-Każ R 2279/2011-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "SMILECARD" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16 u 40 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 9861691

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fis-9 ta' Novembru 2012 — Grupo Bimbo vs UASI (SANISSIMO)**

(Kawża T-485/12)

(2013/C 26/109)

*Lingwa tal-kawża:* l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Grupo Bimbo, SAB de CV (il-Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha, filwaqt li tieħu att tat-talba mressqa tagħha, kif ukoll tad-dokumenti prodotti magħha, tikkonstata l-preżentata, fit-termini stabbiliti u f-forma tajba u xierqa, ta' rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Awwissu 2012, mogħtija fil-Każ R 1218/2011-2 u, fi tmiem il-proċedura, tagħti sentenza li tannulla din id-deċiżjoni u li tikkundanna espressament lill-UASI għall-ispejjeż, u b'hekk tawtorizza r-reġistrazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja SANISSIMO taħt in-Nru 9274119 bħala fondata.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja li għaliha saret l-applikazzjoni:* it-trade mark verbali "SANISSIMO", għal prodotti fil-klassijiet 29 u 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9274119

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 — Eckes-Granini vs UASI — Panini (PANINI)**

(Kawża T-487/12)

(2013/C 26/110)

*Lingwa tar-rikors:* l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eckes-Granini Group GmbH (Nieder-Olm, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Berlit, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Panini SpA (Modena, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrenti:**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 2393/2011-2, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "PANINI", għal prodotti fil-klassi 32 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8721987

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 121780 tat-trade mark verbali "GRANINI", għal, *inter alia*, prodotti fil-klassi 32, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Ġermaniża Nru 30315871 tat-trade mark verbali "GRANINI" għal, *inter alia*, prodotti fil-klassi 32

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha.